# Bejn ix-xieraq u l-għelt

## L-istruttura kjażtika tal-*Kantilena*

MARK MONTEBELLO

Taħdita mogħtija għall-okkażjoni tal-50 anniversarju mis-sejba tal-*Kantilena* fl-1966

Università ta' Malta
7 ta' April tal-2016

© Mark Montebello

Id-drittijiet kollha miżmuma.

Ebda parti ta' dan il-ktieb ma tista' tiġi stampata, iffotokopjata, murija, repetuta, ikkwotata jew użata b'xi mod, ikun xi jkun, mingħajr ma jissemma' b'mod espliċitu l-isem tal-ktieb u l-awtur tiegħu. Din il-kitba ma tistax terġa' tiġi ppubblikata, sħiħa, f'biċċiet jew xi parti minnha, fi kwalunkwe mod u manjiera, mingħajr il-permess espliċitu ta' min iżomm id-drittijiet tal-pubblikazzjoni.

L-awtur irodd ħajr lil Karen Rotin u 'l Ivan Cauchi tal-għajnuna li tawh waqt it-tħejjija ta' din il-kitba.

Stampat minn Faraxa Publishing, Malta
www.faraxapublishing.com

L-awtur ikunu grat għal kummenti
u suġġerimenti marbuta mat-tema ta' dan il-ktieb:
montebello@gmail.com

ISBN 978-99957-0-924-2

# Bejn ix-xieraq u l-għelt

## L-istruttura kjażtika tal-*Kantilena*

**MARK MONTEBELLO**

Taħdita mogħtija għall-okkażjoni tal-50 anniversarju
mis-sejba tal-*Kantilena* fl-1966

Università ta' Malta
7 ta' April tal-2016

## Fi ftit kliem

Il-*Kantilena* jista' għandna struttura kjażtika klassika. Din l-istruttura tagħti post ewlieni l-parti tan-nofs tal-poeżija biex tisħaq fuq il-kunflitt/it-tensjoni tal-ħajja. Dan hu espressjoni u riflessjoni tal-ħajja tal-awtur tal-*Kantilena* nnifsu fuq tliet livelli inter-relatati: dak affettiv, dak intellettwali u dak morali. Pietru Caxaru jgħix bejn dak li hu xieraq u dak li joħloqlu għelt. Din il-kitba tipproponi għall-ewwel darba l-istruttura kjażtika tal-*Kantilena* u tappoġġja dan il-qari interpretattiv b'evidenza mill-ħajja ta' Caxaru nnifsu.

Il-*Kantilena* hija l-eqdem kitba magħrufa bil-Malti. L-unika kopja tagħha damet mitlufa għal ħames sekli. Illum hija l-aktar poeżija studjata u kkummentata fil-wirt letterarju Malti.

## Kjażmu, Kjażtiku (*definiżżjoni*)

*Kjażmu* huwa figura tad-diskors fl-arti retorika. Mill-Grieg χίασμα (*ki-asma*), 'tittraversa', li tiġi mill-Grieg χιάζω (*kià-żo*), jiġifieri 'tieħu l-għamla tal-ittra X' (*Khi* bil-Grieg). L-aġġettiv jiġi 'kjażtiku/a' (mhux 'kjażmiku/a'). B'din it-teknika letterarja, żewġ klawsoli jew aktar huma relatati ma' xulxin permezz ta' struttura inversa bl-iskop li jsir tisħiq fuq punt aktar ewlieni. Dan ifisser li l-klawsoli juru paralleliżmu invers.

# Bejn ix-xieraq u l-għelt
## L-istruttura kjażtika tal-*Kantilena*

**Mark Montebello**

Malli wieħed jaqra l-*Kantilena* ta' Pietru Caxaru ma jistax ma jintlaqatx millewwel minn tensjoni li taħkem kull vers tagħha: rakkont imnikket, qalb bla lġim, waqgħa ġo bir, għarqa, baħar imqalleb, dar tiġġarraf, art bla riżq. Terġa' u tgħid, jekk wieħed iħares aktar fil-qrib lejn is-sura filosofika tal-kitba jsib ukoll li hemm ansjetà oħra, aktar mistura, li tiġi minn taqtiegħa bejn attitudnijiet intellettwali kuntrastanti. Iżda dan mhuwiex kollox. Għax meta wieħed jibda jgħarrex il-ħajja privata ta' Caxaru nnifsu, jintebaħ li hemmhekk ukoll kien hemm għafis ieħor ta' għamla morali. Dan kollu għandu jwassalna biex nagħarfu li, fi ħwejjeġ artistiċi, filosofiċi u esperjenzali, separatament u kollettivament, Caxaru għex ħajja konfliġġenti bejn ix-xieraq u l-għelt.

F'dan li ġej nistħarrġu fil-qosor dawn it-tliet livelli ta' taqtiegħ bit-tama li nkunu nistgħu nifhmu aħjar l-għejjun li minnha setgħet issawret il-*Kantilena*. Din is-sena (2016) jaħbat il-ħamsin anniversarju mis-sejba tal-*Kantilena* fl-1966 minn Mikiel Fsadni. Mill-waqt li fih dan, flimkien mal-Prof. Godfrey Wettinger, ħarġu l-*Kantilena* għall-pubbliku sentejn wara, il-poeżija ma naqset qatt milli ssaħħar bil-ġmiel tagħha, tqajjem il-kurżità akkademika bil-kumplessità li fiha u tkabbar il-kburija nazzjonali bis-siwi storiku u kulturali li għandha. Jixraq

lilna lkoll li nagħmlu minn dan l-anniversarju speċjali mument ta' ġieħ u ta' radd il-ħajr, iżda wkoll wieħed li fih nagħtu sehem għall-iżvilupp tal-istudji akkademiċi li kibru madwar il-*Kantilena*.

## Kunflitt affettiv

Fil-*Kantilena* tiegħu, Caraxu jgħid ġrajja ta' niket; tiġrib kbir ta' proporzjonijiet apparentement diżastrużi. Il-ġrajja setgħet kienet ta' għamla personali, bħalma ħafna assumew.[1] Iżda mhux biss.[2] Il-*Kantilena* tista' tkun kitba li qed tleħħen esperjenza komuni għal ħafna, jew ukoll waħda ta' xejra metafiżika u universali. Jekk tassew, bħalma ngħad b'ċerta awtorità,[3] il-*Kantilena* hija *zajal* fit-tradizzjoni Andalusjana ta' Ibn Quzmân (1078–1160), allura tista' tkun għanja li, bħalma kien ippropona Ibn Quzmân innifsu,[4] hija "ħafifa, iżda ħafifa b'ebusija; popolari daqskemm mgħallma f'waqt wieħed, iebsa daqskemm ovvja, mudlama daqskemm ċara". Bla dubju, il-*Kantilena* ċertament għandha minn dan.

Kulmin qara l-*Kantilena* b'attenzjoni jaqbel li hija poeżija jew għanja ta' mħabba. Iżda x'għamla ta' mħabba? Għal darba oħra, ħafna assumew li titħaddet dwar relazzjoni eterosesswali li marret għal kollox ħażin.[5] Madanakollu, min-naħa l-oħra, jekk il-*Kantilena* aktar tgħanni sentiment kollettiv u ġenerali, allura r-relazzjoni għandha titwessa' fit-tifsir tagħha u tħaddan, ngħidu aħna, l-imħabba għan-nazzjon, għall-post tat-twelid, għat-tmexxija politika u l-bqija. Jista' jkun għall-ħajja nnifisha. Li l-*Kantilena* tista' qiegħda tostor dan kollu, speċjalment jekk wieħed iqis ix-xejriet ġeopolitiċi li tista' tissuġġerixxi, ġie propost diġà, anki jekk mhux b'mod elaborat biżżejjed.[6]

## Qari lineari

Ovvjament, iż-żewġ dimensjonijiet—personali u pubblika—jistgħu ma jeskludux lil xulxin. Is-sengħa poetika li

tħaddan il-*Kantilena* tista' qiegħda titħaddet dwarhom it-tnejn f'ħin wieħed. Madanakollu, hu x'inhu l-każ, dejjem tibqa' tixref fil-wiċċ tagħha tensjoni inter-relazzjonali li l-biċċa l-kbira tal-istudjużi jaqblu li titfarraġ jew tinħall (ukoll jekk mhux għal kollox) fl-aħħar vers.[7]

Apparti l-problemi lingwistiċi li dan il-vers partikolari jippreżenta,[8] din il-konklużjoni tistrieħ għal kollox fuq qari *lineari* tal-poeżija. B'dan irridu ngħidu li l-qarrej jasal għal din il-konkużjoni minħabba li jkun qiegħed *jassumi* li l-*Kantilena* għandha stil strutturali li jitlob qari minn fuq s'isfel waqt li l-awtur jiftaħ it-tema tiegħu. Dan jippresupponi l-eżistenza ta' mixja tematika, jew għallanqas tifsira topika, li tavvanza mill-ewwel sal-aħħar vers billi tibda mill-bidu u tintemm fl-aħħar. Għaldaqstant, b'dan il-mod il-poeżija donnha tilħaq il-quċċata tagħha fl-aħħar vers, li b'xi mod iservi bħala muftieħ interpretattiv tal-kitba kollha. S'issa, dawk kollha li tħajru jagħtu mqar l-iċken interpretazzjoni tal-*Kantilena* jew ikkummentaw fuqha, kienet liema kienet l-ottika u l-perspettiva li minnha għamlu dan, *dejjem* qagħdu ma' din l-assunzjoni. Ħadd qatt ma qegħidha f'dubju jew assuma mod ieħor.

Għala dan ġara huwa aktarx minħabba li l-osservaturi u l-istudjużi kollha qiesu l-*Kantilena* bħala poeżija jew test liriku f'sens konvenzjonali waqt li l-konċentrazzjoni tagħhom, ġustament u skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, tefgħuha fuq elementi oħra tal-kompożizzjoni. Għalkemm kien hemm xi wħud li taw attenzjoni lil aspetti tal-istruttura fiżika tal-*Kantilena*,[9] ħadd ma jidher li kkunsidraha b'mod sħiħ fil-kumpless ħolistiku tagħha. Dan ma kienx nuqqas daqskemm għażla għal tisħiq li, fih innifsu, għalkemm validu, kien parzjali. Seta' kien dovut ukoll minħabba dak li ssejjaħ 'kuntest ta' stennija' jew 'sistema ta' probabbiltà internalizzata', jiġifieri assunzjonijiet istituzzjonali li l-qarrej kritiku Oċċidentali japplika għal kitba b'mod kważi awtomatiku.[10]

Minħabba l-qari lineari tal-*Kantilena*, xi wħud waslu wkoll sabiex jiġġustifikaw il-vrus li Brandan Caxaru niżżel bi żball.[11]

## Struttura kjażtika

Iżda jista' jkun li l-*Kantilena* għandha binja strutturali differenti; waħda li nistgħu nsejħulha 'kjażtika' (jew 'konċentrika'; 'ċirkwita'; xi wħud isejħulha *'ring composition'* bl-Ingliż).[12] Din il-binja possibbli donnha tista' tikkorrabora, jew għallanqas tagħti ħjiel ta', l-oriġini *zajal* tagħha. Dan għaliex l-akkademja wriet li l-poeżija miktuba minn Ibn Quzmân u dawk li segwew l-istil tiegħu, fil-biċċa l-kbira tagħhom faslu l-poeżiji tagħhom f'ordni kjażtiku.[13] Dan ifisser li l-vrus jirrelataw ma' xulxin billi lkoll jintrabtu ma' fus wieħed fejn xi wħud jippontaw lura fi speċi ta' paralleliżmu invertit b'tali mod li jidhru hekk: A→B→Ċ→D←Ċ←B←A.

Dan jidher li jsir sabiex jisħqu l-punt [D] li hu komuni għalihom ilkoll daqskemm ewlieni.[14] Isir ukoll għal raġunijiet mnemoniċi; ħalli t-test jiftakruh b'aktar faċilità,[15] kif fil-fatt għamel Brandan Caxaru.[16] Xbieha 'X-1' fil-paġna li jmiss aktarx turi aħjar dan li rridu ngħidu. Fiha tintwera l-fasla strutturali kjażtika tal-*Kantilena* fil-kumplessità kollha tagħha.

Mod ta' kif nistgħu nippreżentaw l-istess struttura f'għamla ta' xbieha ċiklika hija bħalma jidher fi xbieha 'X-2' (paġna 8). Minn din ix-xbieha toħroġ aħjar il-koerenza perfetta tal-istruttura kjażtika tal-*Kantilena*.

Hemm mod ieħor ta' kif nistgħu nippreżentaw l-istess struttura. Fi xbieha 'X-3' (paġna 9), is-sigli *I-A*, *I-B*, *I-Ċ* u l-bqija jirrappreżentaw il-vrus tal-*Kantilena* skont kif jidher fiż-żewġ xbihat ta' qabel. Din ix-xbieha turi aħjar il-fasla kjażtika tal-istruttura tal-poeżija, fejn 'il-fus' (*H*), li jirrappreżenta l-vrus tan-nofs tal-*Kantilena*, jgħaqqad il-vrus l-oħra kollha b'paralleliżmu invers perfett.

Dawn it-tliet xbihat jirrappreżentaw l-istess kunċett b'modi differenti. Bħalma wieħed jista' jinnota, l-istruttura hija perfettament konsistenti u simetrika fiha nnifisha fit-tliet każijiet. Wieħed jista' jħossu xettiku dwar in-novità ta' din l-interpretazzjoni strutturali tal-*Kantilena* minħabba li, fuq




**Il-fasla strutturali kjastika tal-*Kantilena***

**XBIEHA X-1**

© Mark Montebello




© Mark Montebello

**Dehra ċiklika tal-istruttura kjażtika**

**XBIEHA X-2**




**Il-fasla kjażtika tal-*Kantilena* madwar fus wieħed**
**XBIEHA X-3**

medda ta' kważi ħamsin sena, ħadd ma jidher li nnutaha jew ipproponieha pubblikament. Iżda, jekk wieħed jistudjaha sew, jista' jara li hi waħda kważi ovvja. Għax il-vrus *I-A*/*II-A*, *I-B*/*II-B*, *I-Ċ*/*II-Ċ* u l-bqija *tassew* jikkorrispondu ma' xulxin bħal f'mera u *tabilħaqq* huma organizzati biex, minn barra għal ġewwa, isawru speċi ta' ċrieki (immarkati fi xbieha 'X-1' u 'X-3' bħala 1, 2, 3 u l-bqija) li għandhom ilkoll l-istess ċentru. Wieħed faċilment jista' jara li l-vrus kollha jitimgħu l-parti ċentrali biex, filwaqt li jgħollu din il-parti fuqhom ilkoll fl-importanza u t-tisħiq, jagħtu sustanza lit-tifsir tagħha.

Karatteristika predominanti fil-mudell kjażtiku klassiku hija




© Mark Montebello

**Il-fasla kjażtika taċ-ċrieki madwar il-parti ċentrali tal-*Kantilena***
**XBIEHA X-4**

l-preżenza ta' sebgħa minn dawn iċ-ċrieki madwar il-fus. Il-*Kantilena* hija fidila lejn dan il-fattur tipiku bħalma hija, kif jista' jiġi vverifikat minn xbieha 'X-4' hawn fuq, lejn karatteristiċi klassiċi oħra.[17]

## Distribuzzjoni aktar ekwa

Minn dan joħroġ li l-fasla strutturali tal-*Kantilena* ma tidhirx organizzata fuq xi prinċipji ta' metodu lineari, bħalma dejjem inħaseb. Biex inpoġġuha fi kliem ieħor, il-*Kantilena* ma tidhirx li hi maħsuba sabiex, għal finijiet interpretattivi, tiffunzjona bħala reċitazzjoni, għanja jew poeżija minn fuq għal isfel li tintemm b'konklużjoni jew quċċata *finali*. Hi

strutturalment aktar kumplessa minn hekk. Infatti, aktar jidher li għandha punt fokali fin-nofs li madwarha hemm organizzati ċrieki dejjem aktar wisgħin li jinkudu lil xulxin. Għaldaqstant, il-punt fukali tal-*Kantilena* ma jidhirx li jinsab fit-tmiem, iżda fin-nofs, bħal f'kull kjażmu klassiku. Dan ifisser li Caxaru, waqt li uża din l-istruttura, ma jidhirx li ried jisħaq l-aktar fuq il-parti finali jew, biex inkunu aktar speċifiċi, fuq il-kelma *tamarra*, daqskemm fuq iż-żewġ vrus tan-nofs, hemmhekk fejn iqiegħed l-ħsieb ċentrali u ewlieni tiegħu. Xbieha 'X-5' ta' hawn taħt turi dan b'mod grafiku.

Minn din ix-xbieha 'X-5' jidher ċar li d-distribuzzjoni letterarja tal-*Kantilena* hi aktar bilanċjata milli nħaseb s'issa. Aktar 'l isfel ikollna opportunità ngħidu xi ħaġa dwar il-kelma *tamarra* fl-aħħar vers (l-aħħar kelma tal-poeżija). Iżda hawnhekk nistgħu ninnutaw li, fl-għamla tal-istruttura lineari,




© Mark Montebello

**Id-distribuzzjoni letterarja tal-*Kantilena***
**XBIEHA X-5**

l-aħħar vers, partikolarment il-kelma *tamarra*, jieħdu importanza, mhux biss kbira, iżda wkoll eżaġerata. Fuqha *tamarra* tistrieħ il-fasla kollha tal-poeżija. Dan, nażżardaw ngħidu, jesponi l-*Kantilena* għall-periklu ta' interpretazzjoni żbaljata għal kollox.

Min-naħa l-oħra, nistgħu ninnutaw ukoll li l-mudell kjażtiku jħeff dan l-iżbilanċ u jiddistribwixxi t-toqol b'mod ekwju mal-istruttura kollha. Għalkemm il-bidla minn fasla għal oħra għalissa tista' tidher kappriċċuża u arbitrarja, mill-bqija ta' din il-kitba għandu jidher aħjar li mhuwiex hekk. Hemm raġunijiet varji daqskemm sinifikanti għala l-istruttura tal-*Kantilena*, kontra dak li dejjem inħaseb s'issa, hi tat-tieni (kjażtika) milli tal-ewwel (lineari) għamla.

## Wirt letterarju Semitika

Għalkemm l-istruttura letterarja kjażtika tista' tintlemaħ f'diversi kulturi dinjija marbuta ma' opri letterarji li possibbilment għandhom tradizzjoni orali, inkluż dik Omerika,[18] l-oriġini tidher li hi predominantement waħda Semitika.[19] Wieħed jista' jinnota l-bażi soda tagħha fil-Bibbja, ngħidu aħna, speċifikament fil-perjodu tal-profeti li kienu kittieba (minn madwar it-850 sal-400 QK). Infatti, xi wħud isejħu din il-binja bħala l-'Mudell Retoriku Profetiku'.[20]

Għalkemm it-temi bibbliċi (evanġeliċi) possibbli ġol-*Kantilena* diġà ġew innutati,[21] dan ma sarx f'rabta mal-istruttura kjażtika tal-poeżija. Pjuttost, kien sempliċiment magħmul b'assoċjazzjoni ta' xbihat simili (bħalma hija l-waqa' ta' dar fil-Vanġelu ta' Luqa; għalkemm ma' din wieħed seta' faċilment iżid ukoll it-tfigħ fil-bir tal-profeta Ġeremija kif wieħed isib f'kapitlu 38 tal-ktieb li jġib ismu).

Iżda r-rabta skritturali fil-*Kantilena* hija ħafna aktar profonda, kumplessa u wiesgħa minn hekk. Għax il-*Kantilena* ma tidhirx li sempliċment tagħmel self ta' tixbihat bibbliċi għall-grafika tagħhom, kif inħaseb, iżda pjuttost tidher li tieħu

mill-istess struttura kjażtika ta' biċċiet ewlenin tat-Testment il-Qadim[22] daqskemm tat-Testment il-Ġdid.[23]

Dan mhuwiex il-waqt li nistħarrġu kull test bibbliku li jagħmel użu mill-mudell kjażtiku. Kemm Caxaru kien midħla tal-istruttura ta' dawn it-testi Ebrajċi ma jistax ikun magħruf. Jekk kien ġej minn familja Lhudija, kif ġie sostnut,[24] allura kien ikun midħla tal-esiġesi skritturali, inkluż tal-fasla kjażtika ta' xi wħud mit-testi ewlenin tal-profeti kittieba.

Li hu aktar ċert f'dan kollu hu li l-mudell kjażtiku tat-testi bibbliċi għadda b'mod integrali għal ġol-Koran, li, kemm bħala korp sħiħ,[25] kif ukoll fit-taqsimiet partikolari tiegħu,[26] iħaddan diversi għamliet tal-istruttura kjażtika klassika. Minn din l-istruttura tnebbaħ f'kitbietu Ibn Quzmân u ħafna mis-segwaċi tal-iskola letterarja tiegħu biex ħolqu l-opri letterarji tagħhom. Il-*Kantilena*, jekk tabilħaqq hija fl-għamla ta' *zajal* tat-tradizzjoni Andalusjana ta' Ibn Quzmân, allura għandha mnejn tirrifletti l-mudell kjażtiku ta' din is-sura ta' letteratura.

Hu x'inhu, minkejja dawn ir-riflessjonijiet xi ftit jew wisq spekulattivi dwar *minfejn* seta' Caxaru tnebbaħ biex ifassal il-*Kantilena* b'għamla kjażtika, dan l-aspett ġeneostrutturali ma jinteressaniex direttament. Għalina hu biżżejjed il-fatt li l-evidenza testwali tal-*Kantilena* tixhed hi nnifisha għall-mudell strutturali wżat fil-ħolqien tagħha.

## Tifsira tal-kjażmu

Diġà nnutajna li struttura kjażtika hi karatterizzata minn vrus li jirrelataw ma' xulxin billi lkoll jintrabtu ma' fus wieħed fejn xi wħud jippontaw lura f'għamla ta' paralleliżmu invertit. Mix-xbieha 'X-1' dan nistgħu narawh faċilment evidenzjat ġol-*Kantilena*. Kull vers fl-ewwel strofa (*I*) huwa rifless bil-maqlub (bħal f'mera) fil-vrus korrispondenti tat-tieni strofa (*II*).

Il-vrus *I-A* u *II-A* (dawk tat-truf nett) huma t-tnejn sejħa għas-smiegħ: l-ewwel vers għas-smiegħ fiżiku (oditorju); it-tieni, għas-smigħ mentali (attentiv).

Iż-żewġ vrus li jmiss ’il ġewwa f’kull strofa (*I-B*, *II-B*, *I-Ċ* u *II-Ċ*) huma mtewma: kollha jitħaddtu dwar preżenzi differenti. Il-vrus *I-B* u *II-B* it-tnejn jagħmlu appell għal xi ħaġa li tidher (fenomenu), l-ewwel wieħed (*I-B*) f’sens negattiv (storja li ma ssibha mkien); it-tieni (*II-B*), f’sens pożittiv (art li ssibha faċilment). F’ekwivalenza għal dawn, il-vrus *I-Ċ* u *II-Ċ* it-tnejn jagħmlu appell għal xi ħaġa li ma tidhirx (numenu): l-ewwel (*I-Ċ*) għal kwalità umana mhux fiżika (sentimenti [tal-qalb] moħbija mill-ovvju); it-tieni (*II-Ċ*), għal kwalità materjali fiżika (attributi moħbija ta’ proprjetajiet immobbli).

Iż-żewġ vrus li jmiss ta’ kull strofa (dejjem ’il ġewwa), jiġifieri *I-D*, *II-D*, *I-E* u *II-E*, ukoll huma mtewmin: kollha jitħaddtu dwar għemejjel differenti. Il-vrus *I-D* u *II-D* it-tnejn isemmu xi tip ta’ azzjoni meħudha: l-ewwel vers (*I-D*) bis-suġġett tal-azzjoni fil-passiv (ġarrab għemil li ma kellux kontrol fuqu); it-tieni (*II-D*), bis-suġġett fl-attiv (wettaq hu [is-suġġett] l-għemil possibbli). F’ekwivalenza ma’ dawn, il-vrus *I-E* u *II-E* it-tnejn isemmu azzjoni deliberata: l-ewwel vers (*I-E*) jitħaddet dwar is-suġġett li jaġixxi fuq ix-xewqat (pjuttost negattivi) tiegħu; it-tieni (*II-E*), dwar is-suġġett li jaġixxi fuq deċiżjoni (aktarx pożittiva) li ħa jew seta’ jieħu.

Il-vrus li jmiss f’kull strofa (’il ġewwa), jiġfieri *I-F* u *II-F*, it-tnejn jistqarru stat ta’ fatt f’rabta diretta mas-suġġett innifsu: l-ewwel vers (*I-F*) jitħaddet dwar esperjenza interjuri (sens ta’ qtiegħ il-qalb); it-tieni (*II-F*), dwar esperjenza esterjuri (pjan jew proġett li falla).

Il-vrus ta’ wara (*G* u *G'*) jiffurmaw il-kwadru dirett għall-parti ċentrali (*H*) billi jvarjaw fuq tema waħda ritornellata. Kull waħda minn dawn il-vrus hija magħmula minn żewġ biċċiet: il-parti anterjuri hija repetizzjoni identika (*Huakit hy* [*thi*] *mirammiti*); il-parti posterjuri turi żvilupp tat-tema kważi f’għamla tal-ġeneru salmista, fejn dik tat-tieni vers (*G'*) iżżid tagħrif ma’ dak li jingħata fl-ewwel wieħed (*G*).

Il-parti ċentrali (*H*), magħmula minn żewġ vrus mtewma, jesprimu l-qalba tat-tema kollha; ir-raġuni tat-tensjoni u l-

kunflitt kollu: jiġifieri, ħaġa meħudha li kienet ħaġa oħra (l-illużjoni). Bħal fil-biċċa l-kbira tat-testi kjażtiċi kollha, din il-parti ċentrali torbot direttament mal-vrus l-aktar imbiegħda minnha, jiġifieri l-vrus tat-tarf tal-poeżija li jirrappreżentaw il-kwadru (jew iċ-ċirku) l-aktar wiesgħa (*I-A* u *II-A*); vrus li jagħmlu sejħa għas-smiegħ. Ir-rabta ta' *H* ma' *I-A* tikkonsisti f'appell (urġenti) biex ħaddieħor (fiżikament) jisma' l-bxara (*H*); ir-rabta ta' *H* ma' *II-A* tikkonsisti f'kunsill (meqjus) biex ħaddieħor (mentalment) jitgħallem mill-istess bxara.

Il-kjażmu kollu fih diversi sfumaturi għall-użu ġeneriku tal-mudell li jżidu fil-kumplessità tal-kompożizzjoni. Diġà nnutajna diversi minnhom b'għamla ta' kwalitajiet imżewġa f'oppożizzjoni għal xulxin, bħal oditorju–attentiv; fiżiku–mentali; fenomenu–numenu; negattiv–pożittiv; mhux fiżiku–fiżiku; passiv–attiv; interjuri–esterjuri. Jista' jkun hemm oħrajn ma' dawn li ma nnutajniehomx hawnhekk. Iżda hemm wieħed li jeħtieġ li ma nħalluhx għaddej. Caxaru jibni kull strofa madwar xbihat partikolari: l-ewwel strofa (*I*) jibniha kollha kemm hi madwar xbihat marbuta mal-ilma (il-bir, il-baħar); l-istrofa l-oħra (*II*), madwar xbihat marbuta mal-art (il-bini, il-ħamrija).

Għandu mnejn ikun siewi ninnutaw hawnhekk li fl-astroloġija medjevali (li tagħha Caxaru seta' kien midħla sew) is-sinjali tal-Art u l-Ilma (*Virgo*, *Taurus* u *Capricorn*, u *Cancer*, *Scorpio* u *Pisces* rispettivament) kienu kompatibbli ma' xulxin u jikkumplementaw lil xulxin. Is-sinjali tal-Art raddew is-sigurtà u l-istabbiltà lis-sinjali tal-Ilma, u għallmuhom dwar il-prattiċità. Nies taħt l-element tal-Ilma huma emozzjonali, sensittivi u jobogħdu l-karatteristiċi storbjużi tas-sinjali tan-Nar u l-Arja. Nies taħt l-element tal-Art huma prattiċi, persistenti, leali, kritiċi u determinati. Kontra n-nies li jkunu taħt is-sinjali tan-Nar, li jeħtieġu rikonoxximent ta' xogħolhom, għal dawk taħt is-sinjali tal-Art kull proġett imwettaq mingħajr il-ħtieġa ta' rikonoxximent. Għaldaqstant, is-sinjali tal-Art jistgħu jsibu appoġġ u qlubija minn dawk tal-Ilma; tal-Art jipprovdu spalla soda għal dawk tal-Ilma. Bl-għażla ta' dawn l-elementi mill-

# Thank You for previewing this eBook

You can read the full version of this eBook in different formats:

- HTML (Free /Available to everyone)
- PDF / TXT (Available to V.I.P. members. Free Standard members can access up to 5 PDF/TXT eBooks per month each month)
- Epub & Mobipocket (Exclusive to V.I.P. members)

To download this full book, simply select the format you desire below